MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tal-11 ta' Lulju, 2011

Citazzjoni Numru. 237/2011

**Beatrice Guljerma *sive* Beatrix Wilhelmina Asciak**

**-vs-**

**Direttur tar-Reġistru Pubbliku**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentata fl-10 ta' Marzu 2011 li permezz tiegħu l-attriċi ppremettiet:

1. Illi l-esponenti twieldet fit-2 ta' Frar, elf disa' mija u tmienja u tletin (1938) u t-twelid tagħha ġie reġistrat b'att numru elf tmien mija sebgħa u sebgħin (1877) tal-istess sena (kopja hawn annessa u mmarkata Dok A);

2. Illi fl-istess att l-isem li biha għandha tissejjaħ l-esponenti ġiet indikata bħala Beatrice Guljerma meta fil-fatt hija dejjem ġiet imsejħa bħala Beatrix Wilhelmina

kemm fid-dar tal-ġenituri tagħha u kemm minn sħabha, hekk ukoll fl-iskola. Fuq il-passaport u l-karta tal-identita' tagħha dejjem keinet ġiet imsemmija bħala Beatrix Wilhelmina;

3. Illi *inoltre* fuq iċ-ċertifikat tat-twelild tat-tfal tar-rikorrenti (Dok B, Dok C, Dok D, Dok E) isem l-omm huwa ndikat bħala Beatrix Wilhelmina kif ukoll fuq l-Att tal-Mewt tal-ewwel raġel tagħha (Dok F);

4. Illi r-rikorrenti tixtieq li jsiru l-korrezzjonijiet opportuni fl-att tat-twelid tagħha fuq imsemmi u wkoll f'kull att tal-istat ċivili relattiv għall-istess persuna senjatament l-Att taż-Żwieġ tar-rikorrenti numru sitta u għoxrin tas-sena elf disa' mija u sittin (26/1960) hawn anness u mmarkat bħala Dok G u ċ-ċertifikat taż-żwieġ numru tmien mija tmienja u ħamsin tas-sena elfejn u wieħed (858/2001) hawn anness u mmarkat bħala Dok H:

Jgħid għalhekk l-intimat, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni neċessarja u mogħtija l-provvediment opportuni, inkluż billi tordna l-opprotuna pubblikazzjoni tal-avviż fil-Gażżetta tal-Gvern *a tenur* tal-Artikolu 254 tal-Kap 16, għaliex m'għandhiex din il-Qorti tiddeċiedi billi:

1. Tiddikjara *a tenur* tal-Artikolu 253 (2) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta li r-rikorrenti kienet konsistentement imsejħa u magħrufa bl-isem ta' *"Beatrix Wilhelmina"* u mhux bl-isem ta' *"Beatrice Guljerma"* kif hekk jidher fl-Att tat-Twelid numru 1877/1938 (Dok A);

2. Tordna lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku sabiex jikkoreġi t-tielet kolonna tal-Att tat-Twelid numru 1877/1938 (Dok A) billi l-isem tal-wild li bħalissa juri l-kliem *"Beatrice Guljerma"* jiġi mibdul bl-isem jiġi mibdul bl-isem proprju tar-rikorrenti *"Beatrix Wilhelmina"*; u b'konsegwenza ta' dan:

3. Tordna li l-bdil surreferit effettwat fl-att tat-twelid jiġi rifless fil-Att taż-Żwieġ numru (26/1960) u l-Att taż-Żwieġ numru (858/2001).

Bl-ispejjeż kontra l-intimat minn issa nġunt għas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-attriċi u l-lista tax-xhieda.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenut, ppreżentata fl-14 ta' April 2011, li permezz tagħha eċċepixxa:

1. Illi preliminarjament jingħad illi huwa meħtieġ li talanqas ħmistax-il ġurnata qabel is-smigħ tal-kawża ssir id-debita pubblikazzjoni fil-Gażżetta tal-Gvern *ai termini* tal-Artikolu 254 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. Illi għal dak li jikkonċerna mal-mertu tal-kawża l-esponent jirrimetti ruħu għad-deċiżjoni ta' din l-Onorabbli Qorti salv pero' li l-provi miġjuba jkunu l-aħjar u sodisfaċenti f'għajnejn il-liġi;

3. Illi madankollu f'dan l-istadju l-esponent umilment jirrileva li d-dokumenti li ġew esebiti mir-rikorrenti flimkien mar-rikors ġuramentat, waħidhom, mhumiex biżżejjed biex jipprovaw lil-isem tar-rikorrenti huwa magħruf bħala *Beatrix Wilhelmina* kif hekk jeżiġi l-Artikolu 253 (2) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta. Għalhekk magħdud mal-imsemmija dokumenti r-rikorrenti trid tessaq xhieda affidabbli *viva voce* jew tippreżenta affidavits ta' familjari li għandhom jikkonfutaw it-teżi tagħha *ossia* li tul ħajjitha hija kienet konsistentement msejħa bħala *Beatrix Wilhelmina* u mhux *Beatrice Guljerma;*

4. Illi finalment mingħajr ħsara għall-premess l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe każ l-azzjoni tar-rikorrenti mhijiex attribwibbli għal xi għemil da parti tal-esponent u kwindi huwa m'għandux jiġi assoġġettat għall-ispejjeż tal-kawża istanti, tenut kont ukoll tal-fatt li kien missier ir-rikorrenti stess, Mosé Fenech, li kien għamel id-dikjarazzjoni fl-Att tat-Twelid li jġib in-numru tal-iskrizzjoni 1877 tas-sena 1938 (Dok A) u kien anke ffirma li l-informazzjoni lil hemm kontenuta kienet waħda korretta;

5. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-konvenut u l-lista tax-xhieda.

Rat l-affidavits preżentati mill-attriċi fis-seduta tal-20 ta' Mejju 2011;

Rat illi fl-istess verbal tas-seduta tal-15 ta' Ġunju 2011 Dr Fiott għall-konvenut irrimettiet ruħha għall-provi u l-kawża tħalliet gas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Illi l-attriċi qed tagħmel din it-talba *ai termini* tal-Artikoli 253 *et sequitur* tal-Kodiċi Ċivili li jagħti dritt li kull persuna li tagħmel talba ġudizzjarja korrezzjonijiet u reġistrazzjoni ta' ismijet tal-atti tal-istat ċivili. Il-pubblikazzjoni *ai termini* tal-Artikolu 254 saret debitament.

Illi jirriżulta li l-isem tal-attriċi għandu jitniżżel bħala *Beatrix Wilhelmina* u mhux *Beatrice Gulierma* kif erronjament indikat u kwindi t-talba hija ġustifikata. Dan sar probabbilment minħabba li l-prassi dak iż-żmien kien li l-ismijiet jinkitbu bit-Taljan. Għalhekk ma jidhirx li l-konvenut jaħti għall-iżball u allura m'għandux ibati spejjeż.

**Għaldaqstant il-Qorti tiddeċiedi din il-kawża billi tilqa' t-talbiet attriċi.**

**L-ispejjeż tal-kawża jitħallsu mill-istess attriċi.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------